MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 59/2005

It-Tribunal ;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Ghid inti konvenut ghaliex ma ghandekx tigi kkundannat thallas lill-esponenti s-somma ta’ mija u sebghin lira Maltija (Lm170.00) konsistenti f’bilanc minn somma akbar dovuti minnek lill-esponenti, bhala hlas ta’ xiri da parti ta’ arma tan-nar bl-isem “Benelli” bin-numru M232754, minghand l-esponenti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 14 ta’ Gunju 2004 u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti ngunt.”

Ra li l-konvenut  gie debitament notifikat;

Ra l-kapitoli ipprezentati mill-atturi  fis-seduta tallum

Billi ghalkemm notifikat regolarment ma deherx  u dan bla ma gieb ebda  raguni tajba ghan-nuqqas ta' dehra tieghu;

U billi l-ammont pretiz m'huwiex iktar minn LM250;

U billi ma hemmx raguni l-ghala d-dikjarazzjonijiet ma jisthoqqilhomx li jkunu emmnuti u mittiehda bhala mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici kif dedotta fl-avviz tat-talba u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' LM170 bilanc minn somma akbar dovuta bhala prezz ta' arma tan-nar minghand l-atturi bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-14 ta' Gunju 2004.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------